




*Tagħrif miġbur minn Mary Xuereb*

**15 sa' 28 ta' Novembru.**
Saret il-Missjoni Djoċesana, ippredikata minn saċerdoti barranin.

**22 ta' Novembru**
Jum Kristu Re. Wara l-quddiesa tat-tfal, sar il-ftuħ tas-Ssmu Sagrament għall-adorazzjoni privata ħdejn Ġesù Ewkaristija.

**28 ta' Novembru**
Il-missjoni djoċesana għalqet b'quddiesa li fiha saru it-Tiġdid tal-Wegħdiet tal-Magħmudija, il-pleġġ tal-ħajja nisranija u t-tberik tal-Poplu.

**8 ta' Diċembru**
Il-festa ta' l-Immakulata kunċizzjoni reġgħet bdiet tiġi ċċelebrata fil-ġurnata tagħha! Il-festi bdew fis-27 ta' Novembru meta bdiet in-novena li damet sejra sat 3 ta' Diċembru. 4, 5, 6 ta' Diċembru.



Nhar il-festa iċċelebra Mons. Nikol Ġużeppi Cauchi, Isqof ta' Għawdex flimkien mall-kleru tal-Parroċċa. Fiha niseġ Paneġierku ta' ġieħ u qima lill-Immakulata Marija. Din is-sena l-Madonna riedet tibqa' ġewwa għax billi t-temp ma kienx sabiħ, lill-Madonna ħarġuha biss fil-pjazza ta' quddiem il-Knisja. Fl-istess ħin sar it-tlugħ tan-nar.

**15 ta' Diċembru**
Bdiet in-novena tal-Milied. Kull filgħodu fis-7.00 p.m. quddiesa b'omelija għat-tfal mill-arċipriet. Tqassmu l-weraq għas-siġra ta' Ġesse u biljetti għal ħafna rigali b'xejn li ttellgħu nhar il-Milied wara l-quddiesa tagħhom stess.

**20 ta' Diċembru**
Tħabbar fil-bullettin li għall-Milied saret lotterija ta' sett sabiħ ta' tliet biċċiet deheb bil-"Garnets". għal din is-sena saru kartolini sbieħ tal-Milied bil-faċċata mixgħula tal-knisja arċipretali u tas-Santwarju tal-kunċizzjoni f'jum il-festa.



Dehra tal-Knisja Arcipretali kif kienet imzejna gewwa ghall-festi tal-Milied.

**24 ta' Diċembru**
Din is-sena l-Milied ġie ċċelebrat b'diversi attivitajiet sbieħ għal kulħadd. Fis-6.30 p.m. saret purċissjoni mat-toroq tal-Qala. Wara sar Pageant Bibbliku fil-knisja, li ta' kull sena qed ikun suċċess kbir. Din is-sena l-Mużew tal-bniet u dak tas-subien ħadmu id f'id għal dawn l-attivitajiet. Anke din is-sena l-prietka kienet differenti